# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/2061

## tat-18 ta' Diċembru 2018

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/2/2018)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUBAM Libya, inkluża, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li taħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-30 ta' Awwissu 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1634 ([2]), li taħtar lis-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Settembru 2016 sal-21 ta' Awwissu 2017.

(3) Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1342/ ([3]), li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya mit-22 ta' Awwissu 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018.

(4) Fit-18 ta' Lulju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1401 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mit-22 ta' Awwissu 2017 sal-21 ta' Awwissu 2018.

(5) Fl-20 ta' Marzu 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/558 ([5]), li testendi l-mandat tas-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya mit-22 ta' Awwissu 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018.

(6) Fis-17 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2009 ([6]), li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

(7) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya jiġi estiż mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2019.

---

([1]) ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1634 tat-30 ta' Awwissu 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2016) (ĠU L 243, 10.9.2016, p. 10).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1342 tas-17 ta' Lulju 2017 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 60).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1401 tat-18 ta' Lulju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 199, 29.7.2017, p. 13).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/558 tal-20 ta' Marzu 2018 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (EUBAM Libya/1/2018) (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 3).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2009 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 322, 18.12.2018, p. 25).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

S. FROM-EMMESBERGER